MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tad-29 ta' April, 2015

Numru. 442/2006

**Il-Pulizija**

**(Spettur Victor Aquilina)**

**vs.**

**Chris Borg**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Chris Borg detentur tal-karta ta' l-identita' numru 477384M.

1. Billi akkuzat talli f'dawn il-gzejjer fil-25 ta' Marzu 2005 u fil-jiem ta' qabel din id-data
   a) Ikkoltiva l-pjanta tal-cannabis bi ksur tal-Artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.
   b) Kellu fil-pussess tieghu il-pjanta cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur tal-artikolu 8(d) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Akkuzat ukoll talli f'dawn il-gzejjer fil-25 ta' Marzu 2005 u fis-snin ta' qabel din id-data kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz, u d-dokumenti ezebiti, inkluz l-ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu tnejn (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti saljenti li taw lok ghal din il-kawza huma s-segwenti:

1. L-imputat, flimkien ma zewg zghazagh ohra, gie mizmum f'road block.

2. Fil-glove compartment tal-vettura instabu tlett bicciet suspettati raza tal-cannabis, u fuq il-persuna tal-imputat instabet bicca ohra.

3. Fuq il-mobile tal-imputat kien hemm ritratt ta’ pjanta suspettata cannabis, u wara tfittxija li l-Pulizija ghamlu fir-residenza tal-imputat huma sabu zewg pots vojta, u rrizulta li din il-pjanta giet distrutta minn terza persuna habib tal-imputat, li meta ra li l-imputat gie arrestat, mar u iddistruggieha.

4. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat ammetta li kien ilu jpejjep ir-resina tal-cannabis sitt (6) snin, u li zewg bicciet mir-raza tal-cannabis li nstabu fil-karozza kienu tieghu, fil-waqt li z-zewg bicciet l-ohra kienu ta’ siehbu. Hu qal ukoll li hu xtara din ir-raza tal-cannabis ghall-uzu personali tieghu.

5. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal ukoll illi tlett (3) gimghat qabel kien iddobba tlett zerrieghat tal-cannabis u thajjar jizrahom. Hu zeraghhom f’zewg pots differenti. Huwa ghamilhom go kaxxa tal-injam bil-bozza fuqhom u ghamel net minhabba n-nemus, u poggihom fil-gwardarbobba. Wahda minnhom nibtet.

6. Huwa ammetta li kien jaf li mhux suppost ikabbar din il-pjanta, imma kellu kurzita jara tikbirx kif ukoll sabiex jara kif tkun din il-pjanta.

7. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat qal ukoll li kien ghamel hsieb li jnehhi din il-pjanta ghax kien iddejjaq dejjem isaqqiha u bil-bozza dejjem mixghula.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

L-imputat ghazel li jitla jixhed u fix-xhieda tieghu huwa bazikament ikkonferma dak li kien qal fl-istqarrija tieghu. Huwa xehed ukoll li qatt ma kien ra pjanta tal-cannabis qabel u lanqas wara, u li l-pjanta li kien kabbar kienet kibret xi zewg (2) pulzieri.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-imputat issottometta li apparti l-istqarrija, il-Prosekuzzjoni ma gabitx prova li kien hemm *“xi joint”* fil-karozza. Rigward il-pjanta, huwa ssottometta li l-Prosekuzzjoni ma ressqet l-ebda provi li z-zerriegha li nzerghet u eventwalment kibret kienet wahda tal-cannabis, ghax l-imputat ma kienx jaf kif tkun werqa tal-cannabis.

Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tad-difiza. Qabel ittiehdet l-istqarrija l-imputat gie mgharraf kemm bid-dritt tieghu li jibqa’ sieket. Hu ghazel li jwiegeb ghal xi domandi li sarulu u ma jwegibx ghal ohrajn.

Meta huwa ghazel li jammetti waqt l-istqarrija li kien ilu sitt snin jabbuza mir-rezina tal-cannabis, li dak li sabu l-Pulizija fil-karozza kienu raza tal-cannabis, u li tnejn (2) minnhom kienu tieghu ghall-uzu personali u li hu kien zera’ zerriegha tal-cannabis, u li wahda minnhom kienet nibtet, hu kien qed jassumi r-responsabbilta ghal dak li kien qed jghid, u l-Prosekuzzjoni ma ghandha ebda obbligu li f’tali cirkostanzi ggib prova xjentifika sabiex jigi xjentifikament stabbilit jekk dak li qal is-suspettat kienx minnu. L-ammissjoni hija dejjem il-prova regina u l-Prosekuzzjoni m’ghandhiex ghalfejn iggib provi ohra.

Inoltre, fil-kaz odjern, l-imputat rega’ irrepeta dak li kien qal fl-istqarrija fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti. Il-Qorti tosserva wkoll li l-imputat ma ppruvax ikabbar din iz-zerriegha li kien zera’ bil-mod normali u cioe billi jhalli l-pot ghall-apert go xi bitha jew terrazzin, imma pogga l-qsari go kaxxa fil-gwardarobba bid-dawl fuqhom u ghattihom b’net minhabba n-nemus. Ghalhekk, l-imputat kien jaf kif tinzera’ u kif tinbet u tikber il-pjanta cannabis. Fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti, l-imputat qal li hu tefa’ l-bozza tad-dawl – haga li ma qalx fl-istqarrija, fejn qal testwalment hekk *“… … kont ghamilt hsieb li nnehhiha ghax kont iddejjaqt dejjem maghha insaqqiha u bil-bozza dejjem mixghula.”*[1] Fl-opinjoni tal-Qorti, l-versjoni li ta l-imputat fl-istqarrija tieghu, hija dik veritiera.

Ghaldaqstant il-Qorti qed ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Meta gara dan l-incident, l-imputat kellu ghoxrin (20) sena u kellu fedina penali netta. Huwa ikkopera mal-pulizija.

[1] Ara stqarrija tal-imputat a fol. 21 tal-process.

Fix-xhieda tieghu, l-imputat qal li illum il-gurnata jahdem u ghandu familja u li qata' l-vizzju tad-droga. Dan gie ripetut mill-partner tieghu Emma Gauci, fix-xhieda taghha. Il-Qorti hija ftit xettika dwar il-fatt li l-imputat qata' l-vizzju tal-abbuz tar-raza tal-cannabis, ghax ghalkemm fix-xhieda tieghu quddiem din il-Qorti fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2012 huwa xehed li qatt ma kellu xi kaz iehor mal-pulizija fuq tipjip tal-cannabis,[2] mill-fedina penali aggornata tieghu jirrizulta li fit-3 ta' Lulju 2012 huwa nstab hati minn din il-Qorti diversament preseduta talli kellu fil-pussess tieghu r-raza tal-cannabis fit-23 ta' Frar 2007. Pero fi kwalunkwe kaz, fl-opinjoni tal-Qorti, piena karcerarja effettiva mhix idonea ghat-tieni (2) imputazzjoni, u cioe pussess semplici tar-raza cannabis, ghalkemm wiehed irid jiehu in konsiderazzjoni li l-imputat kien ilu sitt (6) snin jabbuza mid-droga cannabis.

Sa qabel il-bidu fis-sehh tal-Att 1 tal-2015, l-ikkultivar tal-pjanta cannabis kif kontemplat fl-ewwel imputazzjoni, kien f'kull kaz punit bil-ligi b'piena tassattiva ta' prigunerija u multa. Fil-fatt il-legislatur stess ipprovda li d-disposizzjonijiet tal-Artikolu 21 tal-Kodici Kriminali, tas-sentenza sospiza u tal-Probation of Offenders Act ma japplikawx ghar-reat in dizamina (Artikolu 22(9) Kapitolu 101). Dan effettivament ifisser li meta tinstab htija ta' kultivar tal-pjanta cannabis, bhal fil-kaz odjern, il-Qorti hija legalment tassattivament marbuta li tikkundanna lill-hati ghal piena ta' prigunerija effettiva u multa.

Pero fil-15 t'April 2015 dahal fis-sehh l-Att I tal-2015 intitolat l-Att dwar Dipendenza fuq id-Droga (Trattament mhux Priġunerija) (Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta).[3] L-Artikolu 7 ta' dan l-Att jippreskrivi hekk *"Persuna li tinsab ħatja ta' kultivazzjoni tal-pjanta tal-kannabis fi kwantità żgħira li ma taqbiżx pjanta waħda, f'ċirkostanzi fejn il-Qorti tkun sodisfatta li tali kultivazzjoni kienet għall-użu personali m'għandhiex tkun soġġettta għal terminu mandatorju ta' priġunerija u m'għandhiex tkun soġġetta għall-esklużjoni tal-applikazzjoni ta' ordni ta' probation jew ta' sospensjoni ta' terminu ta' priġunerija previsti fil-liġijiet dwar id-droga."*

L-Artikolu 27 tal-Kodici Kriminali jippreskrivi illi *"Jekk il-piena stabbilita mil-liġi li tkun isseħħ fiż-żmien tal-kawża u dik li kienet isseħħ fiż-żmien li sar ir-reat ma jkunux xorta waħda, għandha tingħata l-piena l-anqas gravi."*

[2] Ara xhieda tal-imputat a fol. 31 tal-process.
[3] Ara l-Avviz Legali 93 tal-2015.

Abbazi ta’ dan l-Artikolu tal-Kodici Kriminali, il-Qorti se tapplika l-Artikolu 7 tal-Att I tal-2015 li jikkontempla pieni inqas gravi ghal kultivar ta’ pjanta ta’ kannabis wahda, bhalma hu l-kaz odjern, minn dawk kontemplati fil-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta. Peress li l-Qorti hi sodisfatta li din il-pjanta kienet intiza ghall-uzu personali tal-imputat, u peress li jidher li l-imputat issa qabad it-triq it-tajba, fl-opinjoni tal-Qorti piena karcerarja effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi.

Ghal fini ta’ piena, il-Qorti tikkunsidra li l-imputazzjoni 1(b) – ir-reat ta’ pussess tal-pjanta cannabis – huwa assorbit fl-imputazzjoni 1(a) – ir-reat ta’ kultivar tal-pjanta cannabis - u dan bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors formali jew ideali tar-reati.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat, l-Artikoli 8(c), 8(d), 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), u 22 (2) (b) (i) u (ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta u r-Regolament 9 tal-G.N. 292/1939, u l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha dedotti kontrih, u tikkundannah ghal piena ta’ sitt (6) xhur prigunerija, li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet fuq maghmula qieghda tigi sospiza ghal perjodu ta’ tlett (3) snin, ai termini tal-Artikolu 28A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-Qorti qieghda tikkundanna l-hati ukoll ghal piena ta’ multa ta’ elf Euro (€1,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ tletin Euro (€30.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard mill-1 ta’ Gunju 2015. Pero jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti fissret lill-hati fi kliem car u semplici l-import ta’ din is-sentenza u l-konsegwenzi f’kaz li jonqos milli josservaha, u cioe f’kaz li jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija fiz-zmien operattiv.

Il-Qorti tordna li d-droga u l-affarijiet konnessi maghha ezebiti jigu distrutti taht is-supervizjoni tar-Registratur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------